**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 51/2023 – Laqgħa b'Urġenza**

**3 ta' Frar 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier (*online* permezz ta' *Teams*) |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**51.01 Talba**

51.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**51.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

51.02.01 Is-S.E. informa li ma kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsillier Ellul li kien infurmaħ li ma setgħax jattendi peress li kien indispost. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsillier Ellul ġie meqjus bħala skużat.

**51.03 *Community Greening Grant – Project Green***

51.03.01 Is-Sindku infurmat li din il-laqgħa kienet dwar il-*Community Green Grant* li tnediet dan l-aħħar mill-aġenzija *Project Green* u li l-applikazzjonijiet għaliha kienu jagħlqu fit-28 ta' Frar 2023. Hija qrat dak li hemm bżonn sabiex wieħed ikun jista' japplika taħt din l-iskema. Hija nfurmat li kien hemm talba mill-Kunsillier Sciberras u minn diversi residenti sabiex il-Kunsill jitlob lis-CEO ta' *Project Green* sabiex tinxtara art privata li hemm bejn Triq Katerina Vitale u Triq l-Istefanotis. Hija qalet li huwa prattikament impossibbli li sat-28 ta' Frar, il-Kunsill ikollu l-*ownership* ta' din l-għalqa li sa llum hija art privata sabiex ikun jista' japplika u jkun konformi mal-kriterji tal-applikazzjoni.

Il-Viċi Sindku intervjena u qal li huwa jaqbel ma dak li kienet qed tghid is-Sindku anke minħabba l-fatt li preżentement hemm anke applikazzjoni għal żvilupp.

Il-Kunsillier Sciberras intervjena u qal li huwa mportanti li wieħed jispjega li din l-art tinxtara mill-Gvern Centrali u mhux mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid li kien hu li xtaq li ssir din il-laqgħa u rringrazzja lis-Sindku li kienet aċċettat li ssir din il-laqgħa. Huwa żied jgħid li huwa d-dmir tal-Kunsill li jintervjeni sabiex tinxtara din l-art li hija l-aħħar art verġni ġo Santa Luċija.

Saret diskussjoni bejn il-membri dwar jekk hux possibbli li fl-iskema tal-€ 10 miljuni tkun inkluża l-għalqa li fuqha hemm applikazzjoni sabiex isir żvilupp ta' appartamenti etċ. mill-privat. Is-Sindku nsistiet diversi drabi li l-iskema li tagħlaq fit-28 ta' Frar u li hija miftuħa għall-Kunsilli Lokali hija sabiex jiġu rrinovati faċilitajiet eżistenti filwaqt li fl-intervista fuq The Times, is-CEO ta' *Project Green* semma skema oħra totalment differenti fejn il-Gvern jixtri jew jikri art mingħand il-privat sabiex tiġi żviluppata fi spazju miftuħ.

F'intervent li għamlet il-Kunsilliera D'Amato hija qalet li filwaqt li hi personali u anke l-Kunsill jaqbel li għandna nsalvaw din l-art, jidher ċar li din ma' tapplikax taħt l-iskema li għaliha saret din il-laqgħa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsilliera D'Amato issuġġeriet li meta xi membru tal-Kunsill jew il-Kunsill jipproponi xi proġett jew inizjattiva għandu jkun realistiku u responsabbli sabiex ma jinqarsux terzi persuni.

Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillieri sabiex jissuġġerixxu siti fejn il-Kunsill jista' japplika u filwaqt li l-Viċi Sindku ssuġġerixxa Pjazza 7 ta' Lulju, l-Kunsilliera D'Amato ssuġġeriet il-*Jogging Track* u s-Sindku semmiet il-Pjazza ta' Bertu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu filwaqt li kien hemm qbil unanimu wkoll illi nħeġġu lill-Gvern sabiex, jekk huwa possibbli, jixtri l-art li fuqha hemm applikazzjoni sabiex din tinbidel fi spazju miftuħ għar-residenti.

**51.04 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

50.04.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:15 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 20 ta' Frar 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |